# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 6 ta' Lulju 2017

Rikors Guramentat Nru. 570 / 16RGM

Kawza fil-lista: 16

**Sonia Gill u Michael Pace**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kongunt tad-19 ta' Dicembru 2016 li jaqra kif gej:

Illi l-partiiiet izzewwgu nhar id-dsatax (19) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) fir-Registru Pubbliku u dan kif jidher mic-certifikat taz-zwieg;

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Malcolm Camilleri fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittx (2016);

Illi l-ebda rnanteniment ma hu dovut mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni stante dekadenza minn naha tal-partijiet b'mod reciproku;

Illi bejn il-partijiet ma hemmx tfal;

Illi l-partijiet qatt ma kienu jghixu flimkien u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ghalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi; ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Illi ghalhekk ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, jogghobha:

Tiddikjara li z-zwieg taghhom celebrat nhar id-dsatax (19) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) fir-Registru Pubbliku mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Konsegwentement tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta’ Marzu 2017 fejn il-Qorti issollevat il-fatt li mill-jum tac-celebrazzjoni taz-zwieg tal-partijiet fid-19 ta’ Lulju 2014 ghadhom ma ghaddewx erba’ snin.

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet prezentati mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkonsidrat;

Permezz tar-rikors kongunt taghhom ir-rikorrenti konjugi Gill u Pace qed jitolbu li l-Qorti tholl iz-zwieg taghhom celebrat fid-19 ta’ Lulju 2014.

Jirrizulta illi l-partijiet resqu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni konsenswali taghhom fit-23 ta’ Gunju 2016 u fid-19 ta’ Dicembru 2016 ipprezentaw ir-rikors kongunt in dizamina sabiex jottjenu divorzju.

**Il-Ligijiet dwar iz-Zwieg Huma ta’ Ordni Pubbliku.**

Il-Gurisprudenza nostrana konstantement tqis l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta’ ordni pubbliku li jehtieg is-salvagwardji misthoqqa. Is-sentenza celebri spiss citata moghtija fis-6 ta’ Novembru 1991 mill-Qorti tal-Appell fil-ismijiet “**Anna Tonna vs. Alexander Tonna**” tiddikjara illi iz-zwieg huwa materja ta’ “ordni pubbliku”.
Il-Qrati ghalhekk huma mistennija illi japplikaw il-ligijiet li jirrigwardaw iz-zwieg irrispettivament minn dak li zewg konjugi flimkien jitolbu. Jekk tali talba kongunta, cioe’ minghajr ebda opposizzjoni, ma hiex konsentita mil-ligijiet ta’ pajjizna li jirrigwardaw iz-zwieg, il-Qorti hija fid-dover li fl-ewwel lok tissolleva l-kwistjoni *ex officio*, kif ghamlet f’dan il-kaz, u sussegwentement tiddeciedi fit-termini tal-ligi applikabbli indipendentement mill-fatt illi r-rikors qed jigi intavolat miz-zewg konjugi flimkien u cioe’ minghajr ebda opposizzjoni.

**Disposizzjoni Legali Applikabbli**.

**Artikolu 66A.**

(1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.

(2) Id-divorzju jew ħall taż-żwieġ jingħata bis-saħħa ta' sentenza tal-qorti ċivili kompetenti fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, jew b'digriet tal-istess qorti fejn il-miżżewġin ikunu qablu illi ż-żwieg tagħhom għandu jiġi maħlul.

(3) It-talbiet kollha għad-divorzju, għandhom jinġiebu quddiem is-sezzjoni xierqa tal-qorti ċivili kif jiġi stabbilit b'regolamenti magħmulin mill-Ministru responsabbli għall-
ġustizzja, u d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 37 japplikaw mutatis mutandis. Id-digrieti u s-sentenzi tad-divorzju jingħataw fil-qorti fil-miftuħ.

(4) Il-qorti għandha, fid-digriet jew sentenza ta' divorzju, tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

**Artikolu 66B**

Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u
sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:

(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u

\- Omissis -

**Artikolu 66Ċ.**

Wara li l-qorti tkun qieset illi dak mitlub mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66B ikun sodisfatt, il-qorti għandha tisma' u tiddeċiedi dawk it-talbiet imressqa mill-partijiet kif maħsub f'dan is-Sub-Titolu u tgħaddi biex tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet.

**Artikolu 66F**

"(2) Ir-rikors li permezz tiegħu jinbdew il-proċeduri ta' divorzju għandu:

- Omissis -

(b) fejn il-miżżewġin ikunu separati b'sentenza tal-qorti, ikun akkumpanjat minn kopja legali tal-istess sentenza ta' separazzjoni jew, fejn il-miżżewġin ikunu separati b'kuntratt, ikun akkumpanjat minn kopja legali tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali li juri li r-rikorrent u l-parti l-oħra <u>ilhom separati legalment għal mill-inqas erba snin.".</u>

<u>Ikkonsidrat;</u>

Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha r-rikorrenti Sonia Gill issottomettiet illi ghalkemm huwa minnu li erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali ghadhom m'ghaddewx, gialadarba l-partijiet "qatt ma ghexu flimkien" isegwi illi huma "ghexu mhux flimkien ghal perijodu ta' erba' snin matul il-hames snin precedent ghal ftuh ta' dawn il-proceduri".

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu ir-rikorrent Michael Pace iressaq sottomissjonijiet simili. Filwaqt li jirrileva li l-partijiet ma kienux jirrisjedu flimkien wara li zzewgu, jissottometti illi fil-jum li fih gew intavolati l-proceduri odjerni fid-19 ta' Dicembru 2016 il-partijiet ma kienux ghexu flimkien ghal erba' snin fl-ahhar hames snin.

Il-Qorti tqis tali sottomissjonijiet bhala privi minn fundament legali in kwantu l-erba' snin <u>mhux jghixu flimkien</u> jehtieg li jkunu posterjuri ghac-celebrazzjoni taz-zwieg u mhux anterjuri. Iz-zmien ta' qabel id-data tat-tieg ma jistax jittiehed in konsiderazzjoni fil-komputazzjoni tal-erba' snin kontemplati fil-ligi. Artikolu 66B (a) fuq citat jirreferi ghall-"mizzewgin" li jkunu ghexu mhux flimkien ghal ta' lanqas erba' snin. Persuna hija meqjusa mizzewga mill-jum tac-celebrazzjoni taz-zwieg <u>'il quddiem</u> u mhux qabel.

Is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti jekk mehuda fl-estrem taghhom ifissru illi skond ir-rikorrenti il-ligi tippermetti li koppja tista' tizzewweg filghodu u wara nofsinhar tmur il-Qorti titlob id-divorzju ghaliex ma tkunx ghamlet gurnata wahda tghix

flimkien. Qari akkurat tal-provvedimenti legali in dizamina juru illi dak prospettat mir-rikorrenti ma hux permess mil-ligi.

Kif rajna l-Artikolu 66C tal-Kap. 16 jimponi l-obbligu fuq il-Qorti li tassigura li l-provvedimenti legali li jirregolaw l-ghoti tad-divorzju, regoli manifestament ta' ordni pubbliku, jigu osservati u applikati minghajr ebda eccezzjoni. Ma hemm l-ebda diskrezzjoni moghtija lill-Qorti f'cirkostanzi simili u ghalhekk il-Qorti kienet fid-dover illi tissolleva il-mankanza fuq riskontrata *ex officio.*

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta u tiddeciedi dan ir-rikors kongunt billi tiddikjara illi r-rikorrenti ma jissodisfawx id-disposizzjonijiet kollha tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk tichad it-talba ghad-divorzju.

Bl-ispejjez a karigu taz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

**Imhallef** **Deputat Registratur**